IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru15 (ħmistax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b' Apologija:** | |
| Il-Kunsillier | Raymond Camilleri |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**15.1. Item Nru 15.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

15.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.52pm u s-Segretarju qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Raymond Camilleri u l-Kunsill ikkunsidraħ skużat.

**15.2. Item Nru. 15.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**15.3 Item Nru. 15.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

IX-XGHAJRA

15.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq il-proġett tal-*Jogging track* u qal li għadna ma rċevejniex l-appuntament għal-laqgħa mal-Onor. Clifton Grima. Ser nibgħatu reminder lil Onor. Grima. Is-Sur Sinclair Cassar talabna aġġornament ta' fiex wasal il-pubblikazzjoni tat-tender.

15.3.2 Is-Sur Attard qal li kellna laqgħa mas-Sur Robert Schembri ta' Infrastructure Malta sabiex nitkellmu dwar il-kontijiet tar-rampa u l-ground slab. Għal din il-laqgħa kienu prezenti s-Sindku, s-Sa Doris Borg, is-Segretarju Ezekuttiv u il-Perit Charles Buhagiar. Il-Perit spjega x'gara eżattament u ġie mitlub jibgħat rapport bid-dettalji lil Infrastructure Malta.

Mas-Sur Schembri tkellimna wkoll dwar ir-road hump ta' Dawret ix-Xatt kif ukoll fuq it-toroq li qed isiru. Ser nitolbuhom ukoll biex fil-programm li jmiss tiddaħħal ukoll Dawret ix-Xatt u Trejqet il-Villegganti.

15.3.3 Is-Sur Attard tkellem fuq it-tapit tal-bandli li jinsab fi stat ħażin ħafna u għalhekk sar qbil li nibdew il-proċess biex napplikaw għal fondi tad-Development Funds mal-Planning Authority. Għalhekk ser inkellmu lil Perit dwarha.

15.3.4 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tar-restawr ma ġietx approvata għal fondi. Dan wara li qalulna li l-proġett huwa eleġibbli. Il-Kunsill qabel li jerġa japplika din is-sena wkoll kif terġa toħroġ l-iskema. Għalissa ser jitnaddaf mil-ħaxix ma ġenb iz-zuntier għaliex tela' ħafna ħaxix.

15.3.5 Is-Sindku qal li hemm nuqqasijiet fil-kuntratt tal-knis u ser terġa tinħareġ it-tender u jsiru kundizzjonijiet differenti fosthom il-ħinijiet. Sa dan it-tant il-Kunsill ser jiċċekkja jekk huwiex possibbli li l-Kunsill jimpjega kennies flok servizz.

15.3.6 Is-Sindku qal li l-proġett tan-nursery miexi bil-mod ħafna għalhekk ser nibgħatu lis-Sur Sandro Azzopardi għal spjegazzjoni.

15.3.7 Is-Sindku qal li tkellimna mal-Perit sabiex jagħmel pjanti ġodda u pjanti għal latrina biex titwaqqa. Il-Kunsill ikkonferma dan u ser isir survey.

15.3.8 Is-Sindku qal li l-cameras tal-bandli inbidlu

**15.4 Item Nru 15.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

15.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk il-karozza tal-linja tistax tidħol sa Triq il-Grottli. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lis-Sur Ivan Pierre Vella dwar din it-talba. Apparti hekk ser nitolbu wkoll biex jiżdied bus stop ieħor fi Triq l-Ispnott.

15.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk il-ħarġa kulturali li jmiss tistax issir nhar it-13 ta' Frar u ser issir il-limestone heritage. Kulħadd qabel ma dan.

15.4.3 Is-Sa. Pulis stqasiet jekk għal Marzu tista issir ħarġa kulturali oħra l-Imdina Experience u jaraw ukoll jistgħux jagħmlu dawra bit-train. Kulħadd qabel u ser tieħu ħsiebha hi.

15.4.4 Is-Sa. Pulis staqsiet dwar l-arblu li kellu jitweħħel fi Triq K. Ritchie x'sar minnu. Is-Segretarju qal li wara li kkorrisponda mal-Go m'hemmx risposta definittiva u ser jerġa jitlob lil Go biex issir laqgħa fuq is-sit.

15.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk l-outdoor gym jistax jitwaħħal fuq il-Ground slab jew maġenba. Kulħadd qabel pero l-ewwel ser nistennew il-pjanti l-ġodda m'għand il-Perit.

15.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa dwar is-showers tax-xatt kif bqajna. Is-Segretarju qal li fil-jiem li ġejjin ser ikollna laqgħa mal-WSC u nippruvaw jagħmlu l-komunikazzjoni huma.

15.4.7 Is-Sur Camilleri staqsa fuq il-bozza ta' fuq il-klabb tal-futbol għaliex għada mhux tixgħel. Is-Segretarju qal li l-bozza għanda l-wire maqlugħ mil-Enemalta u għalhekk saret talba lil Enemalta dwarha.

15.4.8 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux nerġgħu inqajjmu l-attivita ta' Lapsi fix-Xgħajra din kienet issir sa ftit snin ilu pero ma baqgħetx. Huwa xtaq li terġa tibda ssir bil-mod tradizzjonali tal-antik. Il-Kunsill qabel u ser naħdmu fuqha.

15.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux nibdlu l-pole ta' Dawret ix-Xatt kantuniera ma Triq il-Knisja għaliex imsaddad kollu.

15.4.10 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq it-toroq li bdew isir u jekk għandnix deadline. Is-Segretarju qal li s'issa bdew biss Triq it-Torri t' Alof de Wignacourt u hemm il-pjan li iddum madwar xahar u nofs.

15.4.11 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistgħux jiġu installati żewġ savers mal-ħajt fil-banju ta' fejn il-Milord. Kulħadd qabel ma dawn.

15.4.12 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nirranġaw il-puġġaman tas-slip way għaliex hemm biċċa minnu nieqsa. Kulħadd qabel.

15.4.13 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux naqilgħu is-sigra li għandna fir-round about qabel jagħmel iktar maltemp u taqa'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sur Camilleri qal jekk nistgħux ukoll nagħmlu round about ġdida u nagħmlu funtana sabiħa ġo fiha. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.4.14 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux induru it-tabelli għaliex qed jinħallu ħafna minnhom fosthom f' Fort Park hemm tabelli imniħħlin. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jista jkun li iħolluhom b'vandaliżmu pero ser jibgħat lil ħaddiema assenjati u jirranġawhom.

15.4.15 Is-Sur Valvo staqsa fuq il-cameras tal-bandli jekk inbidlux. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li nbidlu u wara li ra l-filmati live kulħadd kien kuntent bihom.

**15.5 Item Nru. 15.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

15.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**15.6 Item Nru. 15.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

15.6.1 Is-Sindku qal li hemm proposta biex il-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni ma' Tenishia u jsir avveniment nhar Ħadd il-Għid fi Smart City. Il-Kunsill kellu xi riservi fuq id-dettall u ser ikollna aktar informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

15.6.2 Is-Sindku tkellem fuq l-istimi ta' finishings tal-hall u ma kienx hemm qbil fuqhom. Dan għaliex ma setgħux jiġu kumparati flimkien minħabba li l-items fuq l-istimi ma kienux l-istess tas-suppliers kollha.

**15.7 Item Nru. 15.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

15.7.1 Pagamenti b'numru 2 ġew approvati unanimament.

**15.8 Item Nru. 15.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

15.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**15.9 Item Nru. 15.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

IX-XGĦAJRA

15.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.50pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 27 ta' Frar, 2020 fil-5.30pm

Iffirmat

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

______________________

Neil Attard

Sindku